2) *FU għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat ibati l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

---

([1]) ĠU C 190, 8.6.2015, p. 36.

---

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tal-11 ta' April 2016 – Zink vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-77/15)** ([1])

***(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Allowance tal-espatrijazzjoni — Żball amministrattiv li wassal għan-nuqqas ta' ħlas tal-allowance tal-espatrijazzjoni għal diversi snin — Att li jikkawża ħsara — Dikjarazzjonijiet tas-salarju ma jirriflettux deċiżjoni — Artikolu 82 tar-Regoli tal-Proċedura — Eċċezzjoni ta' inammissibbiltà ta' ordni pubbliku — Irregolarità tal-proċedura prekontenzjuża — Talba skont l-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal — Terminu raġjonevoli)***

(2016/C 191/70)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Richard Zink (Bamako, Mali) (rappreżentanti: J.-N. Louis u N. de Montigny, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. S. Bohr u F. Simonetti, aġenti)

**Suġġett tal-kawża**

Annullament tad-deċiżjoni li jiġi limitat il-ħlas retroattiv tal-allowance tal-espatrijazzjoni għal perijodu ta' ħames snin, mid-data li fiha ġie skopert in-nuqqas ta' ħlas ta' din l-allowance u l-kundanna tal-konvenuta għall-ħlas tal-interessi moratorji.

**Dispożittiv tas-sentenza**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Richard Zink għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll l-ispejjeż tal-Kummissjoni Ewropea.*

---

([1]) ĠU C 245, 27.07.2015, p. 51.

---

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tal-11 ta' April 2016 – Wolff vs SEAE**

**(Kawża F-94/15)** ([1])

***(Servizz pubbliku — Membri tal-persunal tas-SEAE — Kumitat tal-Persunal — Elezzjoni tal-membri tal-Kumitat tal-Persunal — Validità — Il-ħames paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Anness II tar-Regolamenti tal-Persunal — Regolament elettorali tas-SEAE — L-ewwel sensiela ta' votazzjoni — Assenza ta' quorum — Estensjoni tal-perijodu ta' votazzjoni — Estenzjoni supplimentari tal-perijodu ta' votazzjoni — Assenza ta' organizzazzjoni tat-tieni sensiela ta' votazzjoni — Illegalità)***

(2016/C 191/71)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Oren Wolff (Etterbeek, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi u T. Martin, avukati)